



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10551/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0227(BUD)

FIN 574

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Deċiżjoni tal-Kunsill li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit
 ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**LI TADOTTA L-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL DWAR L-ABBOZZ TAL-BAĠIT
ĠENERALI TAL-UNJONI EWROPEA GĦAS-SENA FINANZJARJA 2022**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314(3) tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Billi:

1. Fid-9 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni ppreżentat proposta li fiha l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022¹,
2. Il-Kunsill eżamina l-proposta tal-Kummissjoni bil-ħsieb li tiġi ddefinita pożizzjoni konsistenti, fuq in-naħa tad-dħul, mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom², u, fuq in-naħa tal-infiq, mar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027³.

¹ COM(2021) 300 final.

² ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1.

³ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022 ġiet adottata mill-Kunsill fis-6 ta' Settembru 2021.

It-test sħiġ huwa aċċessibbli għal konsultazzjoni jew għat-tniżżil mill-website tal-Kunsill:
<http://www.consilium.europa.eu/>

Magħmul fi Brussell, fis-6 ta' Settembru 2021.

Għall-Kunsill

Il-President
